# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 20 ta' Jannar 2020**

**Talba numru 228/2019SFJ**

***Jurgen Eman Balzan (547590M)***
***vs.***
***Yoseph Camilleri (139478M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-22 ta' Awwissu 2018 li permezz tiegħu l-attur ippremetta u talab:

> *"Illi r-rikorrent ingaġġa lill-intimat fil-kwalità u l-professjoni tiegħu ta' electrician sabiex jesegwixxi xi xogħlijiet versu l-installazzjoni tal-elettriku kif ukoll xi xogħlijiet varji fl-appartament Level 3, Block A, Triq Konti Manduca (attwalment Triq Carmelo Schembri), Naxxar.*
>
> *Illi r-rikorrent ħallas lill-intimat is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) bħala akkont għax-xogħol li għalih ġie ingaġġat l-istess intimat.*
>
> *Illi minkejja x-xogħol pattwit, l-uniku xogħol li wettaq l-intimat huwa verament minimu, liema xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti.*
>
> *Illi l-intimat baqa' inadempjenti fix-xogħol rimanenti hekk kif ix-xogħol li għalih ġie ingaġġat baqa' ma sarx.*
>
> *Illi saru diversi interpellazzjonijiet lill-intimat għar-restituzzjoni tal-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000) kif ukoll sabiex jersaq għall-likwidazzjoni tad-danni minnu ikkawżati iżda sal-lum baqa' inadempjenti.*
>
> *Illi għalhekk saret din il-kawża.*

*Jgħid għalhekk l-intimat għaliex dan it-Tribunal m'għandux:*

*i. Jiddikjara li r-rikorrent baqa' inadempjenti f'xogħlu u li l-uniku xogħol li wettaq l-intimat ma sarx skont is-sengħa u l-arti meħtieġa;*

*ii. Jiddikjara li a kawża tal-inadempjenza tal-intimat, ir-rikorrent inkorra diversi spejjeż ulterjuri u danni monetarji;*

*iii. Jiddikjara għar-restituzzjoni tal-elfejn Ewro (€2,000) mill-intimat versu r-rikorrenti stante l-inadempjenza tal-intimat;*

*iv. Jiddikjara versu l-likwidazzjoni tad-danni ikkawżati mill-istess intimat hekk kif hawn fuq spjegat.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat imsejjaħ minn issa in subizzjoni."*

Ra li l-konvenut ġie validament innotifikat kif jidher mir-riferta a fol. 13 tal-proċess.

Ra li l-konvenut ma deher għal ebda waħda mis-seduti li saru u ma ippreżenta ebda Risposta jew sottomissjoni kwalsiasi.

Ra l-kapitolu ippreżentat mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut, liema kapitolu ġie ippreżentat fl-udjenza tal-25 ta' Novembru 2019 u li permezz tal-istess kapitolu l-attur ried jipprova bil-ġurament tal-konvenut li dan huwa debitur tal-attur fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ra li l-konvenut reġa' ma deherx fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2020.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li t-talba tal-attur ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut u jqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' talbiet kollha tal-attur skont l-Avviż tat-Talba u b'riżultat ta' dan jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000.00).

It-Tribunal huwa prekluż milli jordna l-ħlas tal-imgħax billi dan ma ntalabx mill-attur.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**